**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur AnnaMarie Xuereb)**

**Vs**

**Alfred Buhagiar**

Kaz Numru: 615/15

Illum 2 ta' Mejju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Buhagiar, ta' 66 sena, iben John u Vincenza nee' Smith, imwieled Cospicua, fit-2 ta' Ottubru 1946 u residenti fi 12 Triq it-Tulliera, Attard, detentur ta' karta tal-identita' 863646 (M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Settemrbu 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' thija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' eseperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab addebitat bi ksur tal-artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi jirrizulta li dak li ta l-bidu ghall-dawn il-proceduri kien rapport li sar fil-bidu tas-sena 2013 minn kunsillier Dr Mark Sant fil-Kunsill Lokali ta' Hal Lija li allega rregolaritajiet li kienu saru mill-Agent Segretarju Ezekuttiv, is-sur Alfred Buhagiar, kif ukoll is-sindku ta' dak iz-zmien Dr Ian Castaldi Paris. Nonostante diversi allegazzjonijiet, l-Ispettur Gafa', li kien investiga l-kaz, jixhed[1] li l-uniku allegazzjoni li skontu kien jikkonsisti f'kaz kriminali kien jissussisti biss f'allegazzjoni wahda. Din kienet tghid li fit-28 ta' Novembru 2011, l-Agent Segretarju Ezekuttiv, Alfred Buhagiar, kien informa lid-dipartiment tal-Kunsill Lokali li s-Sindku kien tah struzzjonijiet biex jinforma lill-istess dipartiment li l-process ghal hatra ta' segretarju ezekuttiv kienet qeghda tigi processata. Skont Dr Sant dan kien gideb ghaliex l-imputat kien ghamel dawn id-dikjarazzjonijiet sabiex itawwal il-perjodu tieghu ta' segretarju ezekuttiv.

[1] Seduta tas-16 ta' Novembru 2015

Il-kwistjoni kollha għalhekk hija bazikament fuq zewg emails li ntbagħtu mill-imputat waqt li kien Agent Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill ta' Hal Lija. F'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li s-sur Buhagiar kien jokkupa precedentement ghal snin shah il-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill.

Jirrizulta li s-sinjura Maria Zammit mid-dipartiment tal-Gvern Lokali baghtet email fil-25 ta' Novembru 2011 lil diversi kunsill lokali, inkluz dak ta' Hal Lija, fejn talbet li d-dipartiment jigi infurmat f'hiex kien wasal il-process tal-ghazla ghall-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-sur Buhagiar permezz ta' email tat-28 ta' Novembru 2011 irrisponda li *"I was instructed by Mayor to inform you that selection process is still in progress"*.

L-istess Maria Zammit, f'isem id-Direttur tad-dipartiment, is-sur Carmel Abela, fl-10 ta' Settembru 2012 baghtet email lil diversi kunsilli lokali, inkluz dak ta' Hal Lija, fejn permezz tal-istess email talbet li tinghata informazzjoni dwar f'hiex kien wasal il-process ghall-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv. L-imputat irrisponda s-segwenti: *"Is-sindku, Dr Ian Castaldi Paris, jinnota li l-process tal-hatra ta' Bord ta' Ghazla ser tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li ser tinzamm nhar it-12 t'Ottubru 2012"*.

Gara li fil-minuti tal-laqghat tal-Kunsill Lokali mizmuma fil-25 ta' Ottubru 2012 u fl-1 ta' Novembru 2012 ma kien hemm ebda referenza ghal tali process. Jirrizulta li fil-laqgha tal-Kunsill Lokali li nzammet fis-27 ta' Novembru 2012, Dr Mark Sant kien prezenta kopja ta' dawn l-emails, li qatt ma kienu ddahhlu fir-registru tal-*incoming* u *outgoing correspondence.* Is-Sindku kien stqarr li huwa ma kienx jaf dwar din il-korrispondenza li s-segretarju ezekuttiv kien baghat f'ismu u waqt l-istess laqgha s-sindku kien talab lill-Kunsill sabiex jinforma lid-dipartiment tal-Gvern Lokali li huwa qatt ma kien gie infurmat b'dawn l-emails u qatt m'awtorizza lis-segretarju ezekuttiv biex jaghmel tali risposti. L-imputat ma kienx prezenti waqt tali laqgha.

L-imputat irtira mill-Kunsill Lokali f'Dicembru 2012. Huwa kien irrizenja f'Novembru 2012 izda imbaghad gie deciz waqt laqgha tal-Kunsill Lokali li li n-nomina tieghu tigi estiza sal-ahhar ta' dik is-sena. Meta rtira huwa kien qieghed jokkupa l-kariga ta' Agent Segretarju Ezekuttiv. Jidher li meta l-imputat kien wasal ghall-eta' tal-irtirar u

dak iz-zmien huwa kien Segretarju Ezekuttiv ma kienx hemm nies fil-pooling sabiex jinhatar Segretarju Ezekuttiv floku u ghalhekk huwa gie approvat mid-dipartiment sabiex ikompli xoghol bhala agent segretarju ezekuttiv.

Referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Glen Debattista**[2]

*"Illi permezz ta' l-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja l-imputat qed jigi addebitat b'diversi forom ta' falsifikazzjoni.*

*Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjah falz materjali kif ukoll 'l hekk imsejjah falz ideologiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali:*

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[3]

*Illi f'l-istess kaz hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiku u l-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tieghu). Min-naha l-ohra l-falz ideologiku meta ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

---

[2] Deciza fil-11 ta' Settembru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
[3] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

*L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jghid:*

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato*[4]*.*

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jghid l-awtur Ingliz Kenny:*

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not.Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[5]

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi ghad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jinghad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[6]

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny johrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it*

---

[4] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.

[5] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.

[6] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

*contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. …..As we have said…. the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered[7]."*

Sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk kienx hemm reita' o meno jehtiegilha mhux biss tezamina l-kontenut taz-zewg emails mibghuta izda wkoll tirreferi ghal dak li qalu diversi xhieda li jitfghu dawl fuq l-akkadut. Fl-ewwel lok, jirrizulta mix-xhieda ta' Maria Zammit li dawn l-emails intbaghtu bhala updates lil diversi Kunsilli Lokali. Fit-tieni lok, Dr Mark Sant sostna li din il-kwistjoni tal-process tal-ghazla qatt ma kienet giet diskussa waqt il-laqghat tal-Kunsill Lokali u ma jirrizultawx mill-minuti. Fit-tielet lok, il-prosekuzzjoni ezebiet biss il-minuti ta' zewg laqghat tal-Kunsill Lokali li huma tal-25 ta' Ottubru 2012 u tas-27 ta' Novembru 2012. Kien hemm izda laqghat ohrajn fil-perjodu indikat tant li referenza ssir ghall-minuti tal-laqgha tat-22 ta' Novembru 2012[8]. Minn tali minuti jirrizulta li l-kunsill unaniment approva biex l-agent segretarju ezekuttiv, is-sur Buhagiar, jitlob lid-dipartiment tal-Gvern Lokali biex jirtira d-data originali tar-rizenja tieghu halli din tkun b'effett mill-1 ta' Jannar 2013. F'dik il-laqgha, il-Kunsill approva wkoll biex immedjatament jibda l-process biex jinhatar segretarju ezekuttiv. Kwindi jirrizulta li l-imputat irrizenja mill-kariga li kien qieghed jokkupa qabel il-laqgha fejn gie sottolineat minn Dr Sant li ma kienx a

[7] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.

[88] Dok AB a fol 171 tal-process

konoxxenza tal-emails mertu tal-proceduri odjerni u ferm qabel ma bdew l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Fir-raba' lok, l-imputat fl-email li baghat fit-28 ta' Novembru 2011 qal li *selection process is still in progress.* Il-kliem *in progress* ifissru hafna u ma jfissru xejn fl-istess hin. Dak li rrizulta mix-xhieda tas-Sindku Dr Castaldi Paris[9] huwa izda li dejjem kienet tissemma' l-kwistjoni li kien wasal iz-zmien li trid tohrog sejha biex ikun hemm segretarju gdid. Testwalment Dr Castaldi Paris qal *"Konna nitkellmu dwarha." "Ma nkunx naf x'axjoni ittiehdet ghax fejn jidhol administration f'idejn Alfred kienet tkun l-istorja. Pero' niftakar li kien hemm perjodu fejn hu kien jistqarr wasal iz-zmien li jibda l-process".* Imbaghad qal ukoll[10] li ftakar li waqt li kien sindku huwa jiftakar zgur zewg processi ghall-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm l-ewwel ghazla fejn kien gie kkonfermat Alfred Buhagiar. It-tieni darba jiftakar li d-dipartiment tal-Gvern Lokali kienet qieghed jinsisti li jibda l-process pero' kienu zammewh *on hold* ghaliex *"fil-pooling jidhirli ma kienx hemm il-lista jew ma tawnix il-lista, allura Alfred's position was always being extended sakemm stajna ahna mmexxu ghall-ghazla."* Ix-xhud spjega wkoll li huwa ma kienx jara kull email li kienet tigi ircevuta jew li kienet tintbaghat. In kontro-ezami huwa kkonferma li l-process tal-hatra ta' segretarju ezekuttiv dam hafna izda r-raguni kienet li kien hemm problema fil-pooling tant huwa hekk li l-posizzjoni tal-imputat kellha tiggedded numru ta' drabi. Dr Castaldi Paris spjega li ftakar f'mumenti fejn l-imputat kien ikellmu u kien ighidlu li kien jehtieg li jinbeda l-process tal-ghazla u darba minnhom ftakar li kien qallu li kien ircieva xi email mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Dr Castaldi Paris qal li huwa dejjem ra serjeta' u integrita' min-naha tal-imputat u kemm dam sindku huwa qatt ma kien hemm xi tip ta' ingann. Dr Castaldi Paris ma indikax f'liema zmien l-imputat kien qieghed jattiralu l-intenzjoni sabiex jinbeda l-process tal-ghazla izda mix-xhieda tieghu din il-Qorti fehmet li l-imputat qallu diversi drabi. Minn dan kollu ghalhekk ghandu jirrizulta li anki jekk formalment il-process ghall-ghazla ma kienx inbeda, tali htiega kienet qeghda titqajjem mas-Sindku izda kien hemm xi diffikultajiet. Kwindi meta l-imputat irrisponda li l-process kien *in progress* zgur li ma jistax jinghad li inghata taghrif falz jew saret dikjarazzjoni falza min-naha tieghu. In verita' dejjem dik kienet l-intenzjoni. L-allegazzjoni hija li l-imputat

[9] Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016
[10] Seduta tat-23 ta' Mejju 2016

xtaq li l-posizzjoni tieghu tibqa' tiggedded sakemm jaghlaq 65 sena. Biss pero' minn dak li xehed is-Sindku dan ma rrizultax u tant huwa hekk li rrizulta li huwa sahansitra infurmah bl-email u qallu li kien jinhtieg li jinbeda l-process.

Inkwantu ghat-tieni email fejn saret referenza ghall-fatt li l-kwistjoni kienet se tigi diskussa fil-laqgha tat-12 ta' Ottubru 2012 ebda minuti ma gew prezentati ta' tali laqgha. Hemm il-minuti izda tal-25 ta' Ottubru 2012. F'din l-ahhar data ma tnizzel xejn fil-minuti li gie diskuss il-process ghall-ghazla ta' segretarju ezekuttiv. Biss pero' dan jirrizulta li gie diskuss fil-laqgha tat-22 ta' Novembru 2012 li kienet laqgha urgenti. Il-fatt li setghet ma ssemmietx fil-laqgha tat-12 ta' Ottubru 2012 ghandu jfisser li l-imputat ghandu jinsab hati li ta taghrif falz? Inoltre' hekk kif xehed l-istess imputat[11], kulhadd kien jaf li kien hemm il-htiega li jinbeda l-process tal-ghazla tant li kien hemm diversi approvazzjonijiet sabiex huwa jkun jista' jkompli bhala agent segretarju. Kwindi kwalunkwe kunsillier, jekk hass li l-imputat kien qieghed jipprova jtawwal it-terminu tieghu, seta' ssolleva tali kwistjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti invista li mhux qeghda ssib li l-imputat b'dak li kiteb ta taghrif falz jew ghamel dikjarazzjoni falza mhux se tidhol fl-elementi l-ohra tar-reat li huma necessarji sabiex tinstab htija.

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-punt sollevat mid-difiza dwar li l-istqarrija tal-imputat kellha tigi skartata minhabba li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu. Tenut kont tal-fatt li l-Qorti se tillibera mhux se tidhol f'dan il-punt. Fi kwalunkwe kaz taghmel referenza ghal dak li gie deciz recentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aeillo**[12]

*11. Illi illum il-posizzjoni fid-dritt penali Malti fejn persuna suspettata ma tinghatax assistenza legali qabel tirrilaxxja stqarrija bhala rizultat ta' restrizzjoni sistemika applikabbli ghall-akkuzati kollha, giet kristallizzata anki permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti fis-sens li tali cahda fl-istadju pre-*

[11] Seduta tad-19 ta' Lulju 2017
[12] 9 ta' April 2018

*processwali tirrendi l-istqarrija tal-akkuzat inammissibbli*[13]*. Din ir-regola giet ormai recepita bhala parti mid-Dritt procedurali penali ordinarju. Dan hu l-kaz, izda, ghar-rigward ta dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel l-10 ta' Frar 2010 meta ngiebu fis-sehh l-emendi li kienu saru ghal Kodici Kriminali fl-artikolu 74 ta' l-Att III tal-2002*[14]*. Dan ghaliex taht il-ligi vigenti qabel l-emendi imsemmija l-akkuzat kien jigi b'mod assolut u sistemiku prekluz minn assistenza ta' avukat fl-istadju pre-processwali meta s-suspettat kien ikun fil-kustodja tal-pulizija. Bl-emendi msemmija, u ghalhekk fi zmien li giet rilaxxjata l-istqarrija de quo fid-19 ta' Ottubru 2014, l-persuna suspettata inghatat id-dritt li tikkonsulta avukat qabel tigi interrogata mill-pulizija. Di fatti, l-legislatur fl-artikolu l-gdid mahluq fl-Att III tal-2002 haseb sabiex "il-persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzata ghandha, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-sub-artikolu."*

*12. Ghalhekk nholqot sitwazzjoni gdida ghar-rigward tal-istqarrijiet li gew rilaxxjati mid-data li ngiebu fis-sehh dawk l-emendi 'l quddiem b'mod li ma jistax jigi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola eskluzjonarja ta' dritt penali procedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli ghalkemm konformi mal-ligi penali vigenti fiz-zmien relevanti.*

*13. L-appellat ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Aldo Pistella, li madanakollu ghadha ma ghaddietx in gudikat billi tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Mhux biss izda dik l-istanza tipprezenta fattispecje kemmxejn differenti minn dawk ipprezentati quddiem din il-Qorti f'dan il-kaz, billi hemmhekk il-persuna suspettata, u cioe' Pistella, kien accetta l-jedd li jikkonsulta ma' avukat u fil-fatt ha parir effettiv, bir-regola tal-inferenza allura tapplika ghal kaz tieghu, regola li illum giet estromessa mill-ligi.*

---

[13] *Ara per ezempju Rep v Chukwudi Samuel Onyeabor dec 1/12/2016*

[14] *A.L. 35/2010 6*

*14. Inoltre, fil-kaz issa taht ezami, kif gia inghad, l-appellat gie moghti l-jedd li jiehu parir legali fit-termini tal-ligi li kienet tezisti fl-2014, u cioe' qabel id-dhul fis-sehh tal-Att LI tal-2016, izda irrifjuta dan il-jedd u cioe' meta mistoqsi jekk xtaqx jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni huwa irrifjuta jaghmel dan. Illi allura b'att volontarju u minghajr ma gie imgieghel l-appellat irrinunzja ghal jedd li kienet taghtih il-ligi vigenti dak iz-zmien.*

*15.Illi l-abbli difensur tal-appellat jargumenta illi gjaladarba huwa ma inghatax il-jedd shih kif mahsub fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem allura l-istqarrija tieghu ghandha tigi ritenuta inammissibbli immaterjalment mir-rinunzja tieghu ghall-assistenza legali.*

*16. Ghalhekk id-difiza qed issejjes l-eccezzjoni taghha dwar l-inammissibilita ta' l-istqarrija ta' l-akkuzat rilaxxjata fid-19 ta' Ottubru 2014 mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-ligi penali vigenti dak iz-zmien, izda fuq l-allegata lezjoni potenzjali tal-jedd tieghu ghal smigh xierq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif spjegat mill-Qorti fi Strasburgu, jekk isir uzu minn dik l-istqarrija fil-guri tieghu specjalment, iktar u iktar, meta l-prova dwar l-importazzjoni ta' madwar hames kilos cannabis allegatament tohrog biss mill-konfessjoni maghmula minnu f'din l-istqarrija.*

*17. Izda kif gia gie ritenut:*

***"Il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dik tal-Qorti ta' l-Appell huma ben delineati u distinti. Infatti l-istess Qorti ta' l-Appell, bhal kull Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla (li ghandha gurisdizzjoni originali in materja) jew il-Qorti Kostituzzjonali (li hija l-Qorti tat-tieni grad f'dawk il-kazi kollha elenkati fil-paragrafi (c) sa (f) tas-subartikolu (2) ta' l- Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni) hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45, u sahansitra jekk tali kwistjoni titqanqal fl-istadju ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola u vessatorja. Il-posizzjoni hija identika ghal dak li jirrigwarda l-Kap. 319 - ara l-Art. 4(3) ta' l-imsemmi Kapitolu[15]."***

[15] Tabone Computer Centre Limited vs direttur tat-telegrafija minghajr fili – app. Civili – 16/04/2004 66/1999

*18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill-appellat waqt it-trattazzjoni, taqa' biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza a priori minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha."*

Ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali billi qieset li l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja pprocediet b'referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Isegwi ghalhekk li ladarba kif gie ritenut f'din is-sentenza ghad m'hemmx pronunzjament kostituzzjonali li ghadda in gudikat dwar dan il-punt u tenut kont li din il-Qorti mhux qeghda ssib htija tqis li jkun ta' pregudizzju ghall-imputat li thalli l-kawza pendenti sakemm il-punt sollevat jigi finalment deciz mill-Qorti li ghandha l-kompetenza li tiddeciedi dwaru.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**